



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2013
COM(2013) 703 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2012/011 DK/Vestas mid-Danimarka)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fil-21 ta' Diċembru 2012, id-Danimarka ressqet l-applikazzjoni EGF/2012/011 DK/Vestas għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'Vestas Group id-Danimarka.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

| Id-dejta ewlenija: | |
|--|------------------------|
| Nru ta' Referenza tal-FEG | EGF/2012/011 |
| L-Istat Membru | Id-Danimarka |
| Artikolu 2 | (a) |
| Intrapriża primarja | Vestas Group |
| Fornituri u produtturi downstream | 0 |
| Il-perjodu ta' referenza | 18.9.2012 - 18.12.2012 |
| Id-data tal-bidu għas-servizzi personalizzati | 1.3.2013 |
| Id-data tal-applikazzjoni | 21.12.2012 |
| Sensji waqt il-perjodu ta' referenza: | 611 |
| Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza | 0 |
| Total ta' sensji eliġibbli | 611 |
| Ħaddiema mogħtija s-sensja li mistennija jieħdu sehem fil-miżuri | 611 |
| Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR) | 12 151 287 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ³ (EUR) | 578 000 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%) | 4,54 |
| Baġit totali (EUR) | 12 729 287 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (50%) (EUR) | 6 364 643 |

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2012 u kienet issupplimentata b'taġhrif addizzjonali sas-16 ta' Lulju 2013.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex jintuża l-FEG kif stipulat fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u tressqet sal-iskadenza ta' 10 ġimgħat kif jissemma fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni, id-Danimarka ssostni li l-industrija tal-manifattura tat-turbini tar-riħ fl-UE, li hi inkluża fin-NACE Reviżjoni 2 Taqsima 28 ("Manifattura ta' makkinarju u tagħmir"), intlaqtet b'mod serju minn bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjin, li wasslu biex naqas b'mod sinifikanti s-sehem tas-suq tal-UE. Id-Danimarka tispjega li filwaqt li fl-Ewropa d-domanda għall-installazzjonijiet tat-turbini tar-riħ qed tistaġna, is-suq globali, speċjalment fl-Asja, qed jiżviluppa malajr. Għall-ewwel darba fl-2010, aktar minn nofs il-kapaċitajiet il-ġodda kollha tal-enerġija mir-riħ żdiedu barra mis-swieq tradizzjonali tal-Ewropa u tal-Amerika ta' Fuq. Dan l-iżvilupp seħħ l-aktar minħabba t-tkabbir ekonomiku kontinwu fiċ-Ċina, li jammonta għal nofs l-ammont globali ta' installazzjonijiet tar-riħ godda⁴. Il-manifatturi Ċiniżi tat-turbini tar-riħ, li qed isiru aktar kompetittivi fejn jidħlu l-kwalità u l-prezz, mhux biss jipprovdu soluzzjonijiet għas-swieq tagħhom stess li qed jikbru, iżda qed jidħlu wkoll fis-suq Ewropew. Minħabba t-tkabbir globali dinamiku ta' dan is-settur, is-sehem tal-Ewropa fil-kapaċità totali naqas minn 66% fl-2006 għal 27,5% fl-2012⁵.
4. Barra minn hekk, id-Danimarka targumenta li din hi xejra permanenti. Id-domanda għall-enerġija rinnovabbli, inkluża l-enerġija mir-riħ, se tiżdied drastikament, madankollu s-swieq se jinbidlu. Billi sal-2006 l-enerġija mir-riħ kienet industrija ddominata mill-Ewropa u sa issa kien hemm tkabbir bbilanċjat bejn l-Ewropa, l-Asja u l-Istati Uniti, fil-futur qarib se jkun hemm żieda rampanti fid-domanda għall-enerġija mir-riħ fl-Asja u fl-Amerika ta' Fuq, wara fl-Amerika ta' Isfel u aktar tard fl-Afrika. Il-manifattura u l-manutenzjoni se jimxu lejn postijiet fejn hemm domanda għalihom u lejn reġjuni bi tkabbir ekonomiku mgħaġġel. Minbarra li l-kost lavorattiv hu konsiderevolment inqas, il-kosti biex jiġu trasportati l-partijiet il-kbar tat-turbini tar-riħ wasslu biex il-produtturi Ewropej iqarrbu l-produzzjoni tagħhom lejn l-aktar swieq dinamiċi tal-utenti finali biex jiżguraw il-kompetittività tagħhom u l-pożizzjoni fis-suq. Minħabba f'hekk, il-produzzjoni kull ma jmur qed titlaq mill-UE.
5. Vestas Group kienet parti mix-xejra deskritta hawn fuq. Sabiex jibqgħu ma' ta' quddiem fis-suq, dan l-aħħar Vestas implimentat strateġija għida mmexxija mill-prinċipju "Fir-reġjun għar-reġjun" bil-għan li tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni u tat-trasport, tiżgura l-iqsar distanzi għall-klijenti u għas-swieq u biex Vestas issir tiflaħ aktar għaċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju⁶. Wara l-proċess ta' globalizzazzjoni, it-turbini tar-riħ se jiġu manifatturati fejn ikunu meħtieġa (fl-2011 80-90% tat-turbini diġà kienu manifatturati reġjonalment). Barra minn hekk, billi fil-passat il-biċċa l-kbira tal-komponenti tat-turbina tar-riħ kienu jiġu prodotti internament, il-produzzjoni tal-komponenti se tiġi esternalizzata aktar lil sħab reġjonali u allura Vestas se jkollha anqas bżonn tinvesti u se tnaqqas l-impjegati tagħha.
6. Dan hu t-tielet każ għall-FEG li jinvolvi l-kumpanija Vestas Group u r-raba' każ għall-FEG fis-settur tat-turbini tar-riħ. L-argumenti ppreżentati fit-tliet każijiet preċedenti (EGF/2010/003 DK/Vestas⁷, EGF/2010/022 DK/LM Glasfiber⁸, EGF/2010/017 DK/Midtjylland Machinery⁹) jibqgħu validi.

⁴ "World Wind Energy Association", Rapport tal-2010 tal-Assoċjazzjoni Dinjija dwar l-Enerġija mir-Riħ, Bonn, April 2011.
http://www.wwindea.org/home/images/stories/pdfs/worldwindenergyreport2010_s.pdf

⁵ "World Wind Energy Association", Rapport tal-2012 tal-Assoċjazzjoni Dinjija dwar l-Enerġija mir-Riħ, Bonn, Mejju 2013. http://www.wwindea.org/webimages/WorldWindEnergyReport2012_final.pdf

⁶ Ir-Rapport Annwali tal-2011 ta' Vestas

⁷ COM(2012) 502 finali.

Turija tal-għadd ta' sensji u tal-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

7. Id-Danimarka ppreżentat din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li mill-inqas jeħtieġ 500 sensja fi żmien erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li jingħataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi downstream.
8. L-applikazzjoni tikkwota 611-il sensja f'Veestas Group tul il-perjodu ta' referenza mit-18 ta' Settembru 2012 sat-18 ta' Diċembru 2012. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkulati f'konformità mat-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni rċeviet il-konferma meħtieġa skont l-istess Artikolu li dawn is-sensji ġew attwalment affettwati.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

9. L-awtoritajiet Daniżi jfakkru li l-kważi 800 sensja li diġà tat Vestas Group fil-muniċipalità ta' Ringkøbing-Skjern fl-2009/2010 ma kinux previsti minħabba l-espansjoni mgħaġġla fis-settur globali tal-enerġija mir-riħ. F'Jannar 2012, Vestas ħabbret il-pjan tagħha biex tagħti s-sensja lil 1 300 ħaddiem ieħor. Sa nofs l-2012 Vestas laħqet l-għadd ta' 1 300 sensja fid-Danimarka, li 788 minnhom kienu inklużi fil-każ preċedenti EGF/2012/003 DK/Vestas, li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni f'Mejju 2012. Għalhekk l-awtoritajiet Daniżi ma stennewx aktar sensji u nħasdu meta Vestas f'Settembru 2012 ħabbret li l-kumpanija se tagħti s-sensja lil 611-il ħaddiem ieħor.
10. Fl-2009, ix-xejra l-ġdida fil-kummerċ globali biex tiġi esternalizza l-manifattura lejn pajjiżi b'anqas kosti lavorattivi, affettwat l-aktar lil ħaddiema li mhumiex tal-ħila u lil dawk bi ftit ħiliet. Iżda fl-2012, is-sensji ta' Vestas Group affettwaw ħafna lil impjegati b'ħiliet għoljin, speċjalizzati u mħarrġa sew. Dan ma kienx mistenni għax id-Danimarka kienet għamlet ħafna investimenti fir-riċerka u fl-iżvilupp fis-setturi rinnovabbli u tal-enerġija mir-riħ. Barra minn hekk, il-gvern Daniż kien qed jinnegozja politika ambizzjuża dwar l-enerġija għas-snin 2012-2020 bi pjanijiet biex jippromwovi l-iżvilupp ta' aktar turbini tar-riħ. Fl-aħħar nett, il-muniċipalità ta' Ringkøbing-Skjern kienet għamlet ħafna investimenti f'faċilitajiet tat-trasport għall-imentieħen tar-riħ ta' Vestas. Kien mistenni li l-ġenerazzjoni l-ġdida tal-imentieħen ta' Vestas jiġu prodotti fil-muniċipalità.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema meqjusa li jeħtieġu l-għajnuna

11. L-applikazzjoni għandha x'taqsam ma' 611-il sensja f'Veestas Group, ilkoll meqjusa li jeħtieġu l-għajnuna.
12. Il-ħaddiema meqjusin li jeħtieġu tqassmu kif ġej:

| Kategorija | Numru | Persentaġġ |
|------------------------------|--------------|-------------------|
| Irġiel | 394 | 64,48 |
| Nisa | 217 | 35,52 |
| Ċittadini tal-UE | 596 | 97,55 |
| Ċittadini mhux tal-UE | 15 | 2,45 |
| F'età bejn il-15 u l-24 sena | 2 | 0,33 |
| F'età bejn il-25 u l-54 sena | 518 | 84,78 |
| F'età bejn il-55 u l-64 sena | 88 | 14,40 |

⁸ COM(2011) 258 finali.

⁹ COM(2011) 421 finali.

| | | |
|--------------------------|---|------|
| F'età akbar minn 64 sena | 3 | 0,49 |
|--------------------------|---|------|

13. Mil-lat ta' kategoriji tax-xogħol, dawn tqassmu kif ġej:

| Kategorija | Numru | Persentaġġ |
|---|-------|------------|
| Diretturi, CEO Maniġers tad-dipartiment tal-produzzjoni u l-operat | 13 | 2,13 |
| Inġiniera, inklużi maniġers tal-proġetti, kapijiet tad-dipartimenti | 136 | 22,26 |
| Tekniċi tax-xjenza tal-inġinerija | 141 | 23,08 |
| Skrivani, persunal tal-uffiċċju | 10 | 1,64 |
| Ħaddiema fis-settur tas-servizz | 36 | 5,89 |
| Ħaddiema tas-snajja' fil-metall, fil-makkinarju u ta' snajja' oħra relatati | 3 | 0,49 |
| Operaturi tal-magni u dawk li jimmuntawhom | 132 | 21,60 |
| Ħaddiema tal-manifattura | 140 | 22,91 |

14. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, id-Danimarka kkonfermat li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tibqa' tapplika tul il-bosta stadji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

Deskrizzjoni tat-territorju milqut u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

15. Is-sensji affettwaw lil sitt muniċipalitajiet li jinsabu fir-reġjuni li jmissu ma' Midtjylland (Ringkøbing-Skjern, Randers, Favrskov, u Aarhus) u Syddanmark (Esbjerg u Varde). Ingħataw ftit sensji wkoll fir-reġjun ta' Sjælland u fir-reġjun tal-Kapitali - Kopenhagen. Il-fattur komuni fost il-muniċipalitajiet kollha affettwati huwa ż-żieda mgħaġġla fil-qgħad (speċjalment fit-tul), b'żieda netta medja ta' aktar minn 3 punti¹⁰, u t-tnaqqis qawwi fil-postijiet tax-xogħol battala (speċjalment fl-industrija u fil-produzzjoni).
16. Ringkøbing-Skjern investiet ħafna fl-infrastruttura għal Vestas u fis-settur tal-enerġija mir-riħ. Setturi ewlenin oħra tal-impjiegi huma t-turiżmu, l-agrikoltura, il-kostruzzjoni u s-servizz pubbliku.

Il-parti interessata ewlenija hija l-municipalitá ta' Ringkøbing-Skjern. Il-municipalitá għandha r-responsabbiltá li tappoġġa lill-persuni bla xogħol waqt li jkun qed ifittxu impjieg ġdid, inkluż billi tagħmel arranġamenti għal attivitajiet biex jittejjbu l-ħiliet tal-ħaddiema, biex tgħin fil-ħiliet kif ifittxu impjieg u biex tgħin fil-proċess tal-istabbiliment ta' miri. Partijiet interessati oħra huma: il-muniċipalitajiet ta' Varde, Esbjerg, Favrskov, Randers, Aarhus, Roskilde u Kopenhagen; it-trejdunjins, il-fondi ta' assigurazzjoni għall-qgħad (A-kasser), ir-rappreżentanti tal-impjegaturi, ir-reġjuni ta' Midtjylland, Syddanmark, Sjælland u r-reġjun tal-Kapitali; il-Kunsilli Reġjonali tal-Impjiegi; il-Ministeru tal-Impjiegi, l-Intrapriżi u t-Tkabbir; intrapriżi lokali.

L-impatt mistenni tas-sensji fejn jidħlu l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

17. Wara s-sensji fuq skala kbira tal-2009/2010 u minn Frar sa Settembru 2012 li affettwaw madwar 2 000 ħaddiem ta' Vestas f'Ringkøbing-Skjern u fil-

¹⁰ Danmarks Statistik, www.statistikbanken.dk/AUP02

muniċipalitajiet tal-madwar, din il-mewġa l-ġdida ta' sensji hi sfida kbira għall-muniċipalitajiet affettwati. Madwar 50% tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja huma nħarrġa sew; il-50% l-oħra huma ħaddiema tal-ħila jew b'ħiliet limitati.

18. Għall-muniċipalitajiet involuti, il-fatt li mēxxielhom jattiraw intrapriża innovattiva bħal Vestas li ħolqot ħafna impjegi industrijali b'ħiliet għolja u ta' kwalità għolja kien suċċess kbir. Dan in-nuqqas ħoloq diffikultajiet fir-reġjun. Kull muniċipalitā milquta rrapportat li ma hemm ebda opportunità ta' impjieg xieraq għall-inġiniera u l-ispeċjalisti tant imħarrġa u allura dawn se jkollhom jiċċaqilqu biex ifittxu impjieg, u se jkun ferm aktar diffiċli biex jiġu attirati kumpaniji ġodda. Għal ħaddiema tal-ħila u dawk b'ħiliet limitati l-okkażjonijiet biex isibu impjegi industrijali huma ftit għax fid-Danimarka l-għadd ta' impjegi industrijali ilu jonqos b'rata mgħaġġla sa mill-2008 minħabba l-globalizzazzjoni. Minħabba l-impjegi industrijali ta' kwalità għolja, jgħibu impjegi lokali fil-qasam tas-servizzi u infrastrutturi oħrajn.
19. Is-sensji seħħew meta l-qgħad kien qed jiżdied malajr. Fl-2012, f'Syddanmark kien hemm 34 804 u f'Midjylland 32 571 (meta mqabbel ma' 14 030 u 13 132 rispettivament fl-2008)¹¹.

Pakkett ikkordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u kif jinqasmu l-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetā tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

20. Għall-każ EGF/2012/003 DK/Vestas, id-Danimarka tipproponi pakkett ta' miżuri li jappoġġaw lill-ħaddiema li tilfu l-impjieg u li jkunu koerenti mal-istrateġija Ewropa 2020 biex tippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Il-pakkett se joffri għajnuna individwalizzata, immirata, flessibbli u innovattiva biex il-ħaddiema li tilfu l-impjieg jitħejjew għal impjegi ġodda fl-oqsma futuri ta' tkabbir.
 - Konsulenza, segwitu u gwida: Hu stmat li kull ħaddiem identifikat se jibbenefika minn din l-azzjoni matul il-proġett. L-azzjoni għandha l-għan li tappoġġa lill-ħaddiema biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom, imexxu t-tagħlim tagħhom stess, jagħżlu l-pakketti addattati sabiex itejbu l-ħiliet ħalli jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom u jiżviluppaw il-ħiliet personali, soċjali u professjonali tagħhom. L-għanijiet ġenerali huma li jsir skrinjar u mmappjar tal-ħiliet tal-parteċipanti, tingħata konsulenza individwali, tinżamm il-motivazzjoni tul il-proġett bi gwida kontinwa, jiġu żviluppati u identifikati l-każijiet tal-aqwa prattika, issir komunikazzjoni mal-ħarrieġa u l-intrapriżi. Il-miżura se tibda b'sessjoni ta' informazzjoni fil-fond u warajha jsiru sessjonijiet ta' konsulenza individwali li matulhom isir skrinjar u mmappjar tal-kompetenzi tal-parteċipanti. Il-proċess se jiġi sorveljat f'kull waqt biex ikun evalwat l-impatt tiegħu bi kwestjonarji u intervisti.
 - Pakketti ta' taħriġ individwalizzati u speċifiċi: Dawn il-pakketti jistgħu jiksibuhom il-ħaddiema kollha fil-grupp identifikat. Madankollu, għadd ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja mistennija jsibu impjieg ġdid wara l-proċess ta' gwida, b'hekk hu stmat li madwar 500 ħaddiem biss se jieħdu sehem f'din il-miżura. Il-pakketti ta' taħriġ li fassal it-tim tal-proġett id f'id mal-ħaddiema li tilfu l-impjieg u li se jingħataw minn istituzzjonijiet edukattivi madwar id-Danimarka jinkludu:
 - (a) korsijiet ta' kompetenzi interkulturali (sessjonijiet ta' ħidma ta' ġurnata biex il-parteċipanti jsiru konxji mill-bżonn li jkollhom ħiliet interkulturali f'ambjent globalizzat);

¹¹ www.dst.dk

- (b) korsijiet tal-lingwa (inklużi ħiliet fl-Ingliż għan-negozju, il-lingwa tal-laqgħat, id-diskussjonijiet u l-preżentazzjonijiet; lingwi tekniċi, il-possibbiltà li jinħolqu pakketti ta' taħriġ lingwistiku mfassla apposta);
 - (c) taħriġ intraprenditorjali (sessjoni introduttorja ta' taħriġ fl-intraprenditorija bil-għan li l-parteċipanti jkollhom il-motivazzjoni biex jaħdmu għal rashom jew jifflu n-negozju tagħhom; il-parteċipanti se jitgħallmu kif joħlqu pjan tan-negozju u se jingħataw informazzjoni dwar kwistjonijiet legali, fiskali u dwar il-VAT, il-bejgħ u r-reklamar, u n-negozju elettroniku);
 - (d) programmi ta' taħriġ u korsijiet oħra (kull parteċipant se jkun jista' jirreġistra għall-korsijiet u l-programmi ta' taħriġ li jixtieq hu).
 - Benefiċċji għall-intraprenditorija: se jkunu disponibbli sa massimu ta' EUR 25 000 għall-ftuħ ta' negozju wara li jkunu ġew skrinjati sew 40 persuna li jkunu ħadu sehem fil-korsijiet tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tagħhom ta' pjan sod tan-negozju. Il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-pjanijiet tan-negozju se jkunu: il-kreattività, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà. Kull benefiċjarju se jintalab jattendi sessjonijiet ta' monitoraġġ fuq bażi regolari u jħejji rapport ta' status fi tmien il-proġett tal-FEG. Il-progress tan-negozji l-ġodda se jkun monitorjat mill-qrib.
 - 55 Miżura+ b'segwitu speċjali u rikollokament: Madwar 80 persuna fil-grupp identifikat fl-età ta' 55 sena jew akbar se jirċievu segwitu, gwida u konsulenza speċjali, u se jsir sforz partikolari biex lil dawn jinstabulhom rikollokamenti. Billi dawn huma potenzjalment l-aktar żvantaġġati minħabba l-età tagħhom, iċ-ċentri tal-impjiegi u s-sħab li jikkollaboraw se joffruhom taħriġ intern f'kumpaniji magħżula li jaf jipprovdihom impjieg meta jintemm it-taħriġ intern. Dawk il-persuni li jitqiegħdu fil-kumpaniji se jiġu offruti konsulenza u segwitu intensivi. Jekk meħtieġ, se jingħata wkoll appoġġ speċjali u taħriġ biex jgħinuhom jibdeu jaħdmu bħala intraprendituri.
 - Benefiċċji ta' sussistenza ta' EUR 109 għal kull ħaddiem għal kull ġurnata li jieħu sehem fil-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, b'medja stmata ta' 95 jum ta' parteċipazzjoni għal kull ħaddiem (EUR 10 400).
21. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG li hi inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' thejġija, ġestjoni u kontroll kif ukoll informazzjoni u reklamar. Il-muniċipalità ta' Ringkøbing-Skjern u t-tim amministrattiv tal-proġett li jinvolvi l-muniċipalitajiet kollha kkonċernati se jużaw bosta għodod biex jipromwovu u jikkomunikaw il-kontribuzzjoni mill-FEG. Se jittellgħu websajts fuq il-portali tal-muniċipalitajiet. Sikwit se jinħarġu stqarrijiet għall-istampa, laqgħat għall-istampa u bulettini. Se tiġi organizzata sessjoni ta' ħidma dwar l-impatt finali għall-parteċipanti kollha tal-proġetti u l-partijiet interessati. Se jitqassam materjal tal-promozzjoni.
22. Is-servizzi personalizzati li preżentaw l-awtoritajiet Daniżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Daniżi jistmaw li b'kollox l-ispejjeż se jkunu EUR 12 729 287, li minnhom in-nefqa għas-servizzi personalizzati tkun EUR 12 151 287 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG tkun EUR 578 000 (4,54% tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hi EUR 6 364 643 (50% tal-ispejjeż totali).

| Azzjonijiet | Stima tal-għadd ta' ħaddiema identifikati | Stima tal-ispiża għal kull ħaddiem identifikat (EUR) | L-ispejjeż totali (il-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR) |
|--|---|--|--|
| Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Appoġġ, segwitu u gwida | 611 | 1 500 | 916 500 |
| Pakketti ta' taħriġ individwalizzati u speċifiċi | 500 | 7 500 | 3 750 000 |
| Benefiċċji għall-intraprenditorija | 40 | 25 000 | 1 000 000 |
| 55 Miżura+ b'segwitu speċjali u rikollokament | 80 | 1 500 | 120 000 |
| Benefiċċji ta' sussistenza | 611 | 10 417 | 6 364 787 |
| Subtotal tas-servizzi personalizzati | | | 12 151 287 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Attivitajiet preparatorji | | | 28 000 |
| Ġestjoni | | | 220 000 |
| Informazzjoni u reklamar | | | 80 000 |
| Attivitajiet ta' kontroll | | | 250 000 |
| Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG | | | 578 000 |
| Total tal-ispejjeż stmati | | | 12 729 287 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (50% tal-ispejjeż totali) | | | 6 364 643 |

23. Id-Danimarka tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq jikkomplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li se jiġi evitat kull finanzjament doppju.

Id-data/i meta nbdev jew meta huma ppjanati li jinbdev is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati

24. Fl-1 ta' Marzu 2013, id-Danimarka bdiet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett ikkordinat propost għal kofinanzjament tal-FEG. Għalhekk din id-data tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kull assistenza li tista' tingħata mill-FEG.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali

25. Is-sħab soċjali ġew ikkonsultati waqt it-tnejn tal-applikazzjoni tal-FEG. Id-dipartimenti tal-impjiegi fil-muniċipalitajiet ta' Ringkøbing-Skjern, Aarhus, Randers, Favrskov, u Varde kkonsultaw lill-Kummissjoni tal-impjiegi lokali u reġjonali tagħhom (LBR u RBR), fejn is-sħab soċjali ewlenin kollha huma rappreżentati, inklużi t-trejdunjins (LO) u r-rappreżentanti Daniżi tal-impjegaturi (DA). Is-sħab soċjali huma kontinwament infurmati dwar il-qagħda tal-każ permezz tal-kumitat tal-impjiegi fil-muniċipalitajiet ta' Ringkøbing-Skjern u l-muniċipalitajiet li jikkoperaw. Ir-Reġjun tal-Impjiegi ta' Midjylland, li jieħu ħsieb jikkomunikaw ma' kull sieħeb soċjali rilevanti, hu rappreżentat uffiċjalment fil-bord tal-każ.
26. L-awtoritajiet Daniżi kkonfermaw li ġew issodisfati r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi.

Informazzjoni dwar azzjonijiet obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi

27. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, fl-applikazzjoni tagħhom l-awtoritajiet Daniżi:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
 - urew li l-azzjonijiet jagħtu appoġġ lil ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Il-ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll

28. Id-Danimarka għarrfet lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi ġestita u kkontrollata mill-istess korpi bħal tal-Fond Soċjali Ewropew, u l-Awtorità Daniża tal-Intrapriżi u tkun ukoll l-Awtorità ta' Ġestjoni. L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni se tinħatar f'dipartiment differenti fl-istess korp. L-Awtorità ta' Verifika se tkun il-funzjoni ta' Kontroll tal-UE fl-Awtorità Daniża tal-Intrapriżi.

Il-finanzjament

29. Skont l-applikazzjoni tad-Danimarka, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) hi EUR 6 364 643, li tirrappreżenta 50% tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni mill-Fond hi bbażata fuq l-informazzjoni li tat id-Danimarka.
30. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont totali msemmi hawn fuq, biex jiġi allokati skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
31. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja iħalli disponibbli aktar minn 25% tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG, biex jiġi allokati tul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif jistipula l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

32. Billi tippreżenta din il-proposta ħalli timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qed tibda l-proċedura simplifikata ta' trilogu, kif jitlob il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bi ħsieb li tiżgura l-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja biex tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-ferġha l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. Jekk ma jsirx qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali ta' trilogu.
33. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2013 iddaħħal approprjazzjonijiet ta' impenn speċifiċi, kif jitlob il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

34. L-appropriazzjonijiet imsemmija fil-linja baġitarja tal-FEG se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 6 364 643 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2012/011 DK/Vestas mid-Danimarka)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹², u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹³, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea¹⁴,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għal ħaddiema li jutilfu l-impjieg wara bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (3) Id-Danimarka ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Vestas Group fil-21 ta' Diċembru 2012 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sas-16 ta' Lulju 2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif jistabbilixxi l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu mobilizzati EUR 6 364 643.
- (4) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni li ressqet id-Danimarka,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi EUR 6 364 643 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

¹² ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

¹³ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

¹⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President